# IS-SILENZJU TA' FEJN IL-BAĦAR

Fil-*Christus Vivit*, il-Papa Franġisku jgħid li biex niddixxernu l-vokazzjoni tagħna, irridu nħallu ħinijiet għas-silenzju.

Hemm silenzju li ma jiswa għalxejn. Bħal meta tidħol ġo teatru vojt u tħossok skomdu. Imma hemm silenzju produttiv, bħal meta tidħol fil-knisja bla nies u tħossok fis-sema għax qiegħed waħdek miegħU.

Fi żmienna diffiċli ngħixu s-silenzju produttiv. Għal kull ħaġa ta' xejn, qisna ddraggjati nidħlu fil-ħajja virtwali, f'dinja virtwali li ssir banali għax iżżommna maqtugħin min-nies u mill-affarijiet importanti.

Issa huwa ż-żmien li mmorru l-baħar. Hemmhekk ukoll nistgħu nsibu rokna għas-silenzju, bħal meta tieħu ktieb tajjeb x'taqra. Jew tinżel fl-ilma u tagħlaq għajnejk ħalli fis-silenzju tiltaqa' mas-Sid u l-Ħallieq tal-ilmijiet.



Biex tirrifletti sewwa trid is-silenzju. Kristu nnifsu kien joqgħod għall-kwiet biex jitlob.

Nixtieq nirringrazzja lil kull min sebbaħ il-festa bil-parteċipazzjoni u bl-għajnuna ta' kull xorta.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**ROKNA EKOLOĠIKA**

**Il-KOREA T'ISFEL:** Fl-1997 il-Korea t'Isfel nediet proġett ta' riċiklaġġ tal-ikel. Ir-ristoranti u d-djar jagħżlu l-ikel għalih, jagħsruh, jitfgħuh f'reċipjenti apposta u jħallsu xi ħaġa żgħira għas-servizz. L-ikel imbagħad jiġi riċiklat f'ikel għat-tiġieġ, demel u minnu jsir il-bio fuel ukoll. B'hekk 95% tal-ikel żejjed qiegħed jiġi riċiklat.

**FL-INGILTERRA:** Għaqda fl-Ingilterra ssuġġeriet lin-nies biex ma jaqtgħux it-turf ta' quddiem id-djar matul ix-xahar ta' Mejju. B'hekk ikunu jistgħu jikbru l-fjuri tad-daisies u d-dandelions. B'hekk ukoll in-naħal ikollhom iktar fjuri fuqiex jirgħu.

## AVVIŻI:

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET** javżaw li minn Lulju 'l quddiem l-iskeda tat-tagħlim ser tkun hekk:

Years 5 u 6 kull nhar ta' Tnejn fis-5:45pm

Forms 1, 2 u 3 kull nhar ta' Ħamis fis-5:45pm

Barra l-lezzjonijiet b'differenza ser jiġu organizzati wkoll xi attivitajiet, dejjem bil-prekawzjonijiet meħtieġa marbuta mal-Covid-19.

**GĦALIKOM IT-TFAL:** Kull nhar ta' Ġimgħa mill-5:00pm 'il quddiem, tistgħu tiltaqgħu fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku u fil-bitħa tal-Mużew Marittimu biex tpartu xi affarijiet li jkollkom. Dan il-proġett sejjaħnielu l-*Mercatino*. Il-jum li jmiss għal dan "is-suq" huwa l-Ġimgħa 9 ta' Lulju. Narawkom hemm!



**IL-ĠABRA GĦALL-ART IMQADDSA:** il-kummissarju tal-Art Imqaddsa, Patri Twanny Chircop OFM, bagħat jirringrazzja lill-parruċċani li taw is-sehem tagħhom għall-ġabra tal-Art Imqaddsa. Inġabret is-somma sabiħa ta' €1993.61 mill-parroċċa tagħna. Il-Mulej ibierek lil min jagħti mill-qalb.

**BOTTIJIET TAL-ALUMINIUM:** nirringrazzjaw lil dawk kollha li qegħdin jgħinuna billi jġibu l-bottijiet tal-aluminium għar-riċiklaġġ. Nitolbukom biex jekk possibbli, tlaħalħu kull bott bi ftit ilma u tgħaffġuhom sewwa ħalli ma jeħdux spazju żejjed.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am